KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801, Fax: 21583058

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar numru 39, miżmuma nhar it-22 ta' Awissu 2017, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

---

Preżenti
Membri Preżenti:

- Graziella Galea — Sindku
- David Thake — Vici Sindku
- Anne Fenech — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier (sa 21.30)
- Raymond Tabone — Kunsillier (sa 21.30)
- Stephen Cremona — Kunsillier (19.40 – 21.30)
- Daniel Grima — Kunsillier (20.35)
- Joseph Vella — Kunisllier
- Mandy Buhagiar — Kunsillier (19.40 – 20.30)
- Robert Piscopo — Kunsilier (19.15 – 21.30)
- Paul Bugeja — Kunsillier (sa 21.30)

Membri Skużati:

- Matthew Barbara

Deputat Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801, Fax: 21583058

## AĠENDA

39. 1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
39. 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
39. 3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
39. 4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti / xiri ta' oġġetti;
39. 5 Approvazjoni tad-deċiżjoni tal-bord ta' l-ingaġġ ta' skrivani
39. 6 Approvazjoni tad-deżizjoni tal-bord ta' evalwazzjoni :
   a. Kwotazzjoni għal ftuħ, tindif, u għeluq ta' lattrini pubbliċi
   b. Kwotazzjoni għal magna għal ħasil bil-powerwash
   c. Tender għal ftuħ, tindif, u għeluq ta' lattrini pubbliċi
   d. Tender għal playing field equiment u flooring fiż-żona Thalassalejn

39. 7 *Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Apr – Ġun 2017*

39. 8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill li jkunu meħtieġa;
   a. Appell dwar id-deċiżjoni mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar PA1514/16 - Petrol Station f'Burmarrad
   b. PA 05858/17 – To relocate tuna cages from St. Paul's Bay
   c. PC 44/17 – Shifting of building alignment in view of removal of front garden
   d. Ċirkulari Numru 21/2017 - Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi
   e. Ċirkulari Numru 22/2017 – Inizjattiva Librerija Lokali/Reġjonali
   f. Memo dwar Tarmac Fund mir-Reġjun Tramuntana
   g. PHC Memo 13/17 – Għoti tal-vaċċin kontra l-Influenza
   h. Inizjattiva ta' Tindif minn Let's do it Malta
   i. Ċirk AKL 42/2017 - Kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Kontra l-Vjolenza Domestika f'sensiela ta' attivitajiet
   j. Cirk AKL 43/2017 - Attivitajiet tal-Gimgħa Ewropea tal-Mobilta
   k. Ċirk AKL 46/2017 – Inizjattiva MCCF
   l. Ċirk AKL 56/2017 – International Urban Cooperation
   m. Proposti mill-AKL dwar Tables and Chairs, Swieq fil-Beraħ, Ġbir u Immaniġjar tal-Iskart, Skemi tal-Ħaddiema

Sindku – Mayor : Graziella Galea
Viċi Sindku – Vice Mayor : David Thake
Kunsilliera – Councillors : Alfred Grima, Raymond Tabone, Paul Bugeja, Mandy Buhagiar, Anne Marie Fenech, Robert A. Piscopo, Joseph Vella, Antoinette Bezzina, Matthew Barbara, Stephen Cremona, Daniel Grima
Agent Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

39. 9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mis-Sindku, il-Perit Graziella Galea.

Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi rringrazzjat lill-membri tal-attendenza. Laqgħat lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv George Abdilla u awguratlu l-ħidma t-tajba.

**39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Matthew Barbara talab li jkun skużat minħħabba li l-mara ma tiflaħx. Il-kunsillier Bugeja qal li ma jabilx li jkun skużat.

**39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Is-Sur Alfred Grima, ġibed l-attenzjoni li l-minuti intabgħtu tard, u ma kienx hemm ħin sew biex jinqraw. Għaldaqstant is-sindku talbet li titwaqqaf il-laqgħa għal ftit minuti sabiex kulħadd ikollu ċans jaqra l-minuti. Kien hemm qbil li l-laqgħa tieqaf għal ftit minuti.

Is-Sindku Graziella Galea pproponiet li l-Minuti tal-laqgħa numru 36 ikunu approvati. Il-Kunsillier Anne Fenech issekondat il-mozjoni. Il-membri kollha qablu mal-mozjoni.

Fil-Minuti tal-laqgha 37, il-Kunsillier Mandy Buhagiar talbet li titniżżel bħala skużata minħabba l-fatt li l-email bl-aġenda ma kinitx waslet. Il-membri kollha qablu.

Il-Kunsillier Joseph Vella ippropona li l-minuti 37 ikunu approvati. Paul Bugeja issekonda l-mozjoni. Il-membri kollha qablu mal-mozjoni.

Il-Viċi Sindku David Thake ippropona li l-minuti 38 ikunu approvati. Il-Kunsillier Anne Fenech issekondat il-mozjoni. Il-membri kollha qablu mal -mozjoni.

Fir-rigward ta' minuti 37 is-Sindku qalet li l-attivita' kienet waħda ta' suċċess u rringrazzjat liż-żewġ għaqdiet tax-xogħol tagħhom sabiex setgħat tittella' din l-attivita'.

Fir-rigward ta' minuti 38 intalbet spegazzjoni għaliex ma kienux saru il-cameras. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn isiru mill-Lesa, u jekk il-Kunsill jixtieq li jagħmel iktar kameras dawn jistaw isiru a spejjeż ta' l-istess Kunsill.

Paul Bugeja rrimarka li ir-rapport mitlub fuq il-latrini baqa ma sarx. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjega li kien ser jaħdem fuq ir-rapport mill-aktar fis minħabba li kien qed jati prijorita' lil diversi tenders u kwotazzjonijiet.

Paul Bugeja staqsa ukoll jekk is-sala hux tinkera. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjega li hemm diversi modi kif tista' tintuża s-sala. Tista' tinkera bi ħlas permezz ta' byelaw, jew tista' tingħata għal użu, mingħajr ma jinġabru flus direttament. Mandy Buhagiar staqsiet jekk is-sala hux tinkera bi flus? Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, wieġeb li biex issir dan trid tinħadem byelaw.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal Ċirkolari 9/2017 dwar attivitajiet kulturali.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mal-pulizija minħabba l-festa. Il-pulizija infurmaw lill-Kunsill li ma setax jiġi estiż is-servizz tal-pulizija u li għalhekk intuża s-servizz tal-Gwardjani Lokali bi ħlas mill-Kunsill Lokali.

Dwar l-ingaġġ ta' l-iskrivani, il-proċess qed jitkompla, u saret diversi komunikazzjoni ma' Jobs Plus.

Proposta għal ġemellaġġ : Is-Sindku nfurmat li saret laqgħa mas-Sur Raymond Bartolo dwar il-proposta għall-ġemellaġġ fejn saret anke komunikazzjoni mal-belt ta' Palazzuolo Accreide sabiex ikunu jistgħu jissottomettu applikazzjoni minn naħa tagħhom għal fondi.

Rigward il-vot fuq l-iskeda, id-Deputat Segretarju Esekuttiv wieġeb lis-Sur Alfred Grima li vot fuq skeda ikun qed ikopri l-iskeda kollha. Jekk ikun hemm problema fuq pagament partikolari, dan għandu jittieħed vot fuqu jew ikun hemm qbil fuqu biex ma jitħallasx.

**39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku Graziella Galea qalet li t-tender tal-knis kien ippublikat. Minħabba nuqqas li kien hemm, kienet inħarġet ukoll default notice lill-kuntrattur preżenti, minħabba n-nuqasijiet fis-sitwazzjoni in ġenerali.

3.2 PA5374/18 Saret diskussjoni fuq din l-applikazjoni u kien hemm qbil li l-flus tal-Planning Gain ikun aħjar jekk jintużaw fiż-żona ta' Burmarrad. Preferenza għandha tingħata lil tranġar tal-bandli ta' fejn il-Knisja u ż-żona ta' quddiem il-Knisja inkluż iz-zuntier. Raymond Tabone qal li tagħmel sens li t-triq ta' quddiem din l-applikazzjoni iġi tinfed, u tkun tista' sservi meta t-triq prinċipali tkun magħluqa bħal fil-ġranet tal-festa. Kien hemm qbil

li għandha ssir laqgħa mas-Sur Bonnici (l-applikant) u jiġu diskussi s-suġġerimenti tal-Kunsill.

3.3 Sport Malta uriet ix-xewqa li ttella' Ballroom Dancing f'San Pawl il-Baħar. Il-membri kollha qablu li jilqaw l-istedina ta' Sport Malta u jsir il-Ballroom dancing fil-lokalita' possibilment fis-sala tal-Kunsill jew il-Klabb tal-Boċċi fejn il-Kunsillier Grima rrimarka li l-Kunsill għandu dritt għall-użu tiegħu.

3.4 Proposta dwar Pink October : Il-Kunsilliera qablu li fix-xahar ta' Ottubru għandu jinxtegħel post bid-dawl roża għal l-attivita' ta' Pink October. Kien hemm diversi suġġerimenti fosthom: il-pjazza ta' Buġibba, it-Torri ta' Wignacourt kif ukoll il-Knisja tal-Ħġejjeġ.
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talab li l-Kunsilliera jibagħtu email bis-suġġerimenti.
Il-Kunsill qabel li jħalli f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku sabiex ikunu jistgħu jimplimentaw waħda mis-suġġerimenti.

3.5 Kienet diskussa t-talba tas-surgent Ivan Mifsud biex isiru bollards oranġjo f'Dawret it-Trunċiera fl-akkwati ta' l-akwarju sabiex titnaqqas il-possibilita' ta' inċident u ta' sewqan eċċessiv. Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta. Ser tinkiteb korrispondenza lil Transport Malta dwar dan is-suġġeriment.

**39.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżenta l-iskeda tal-pagamenti numru 8/2017. Il-kunsillier Fenech ġibdet l-attenzjoni fuq il-pagament ta' John Mamo. Il-kunsillier Pispoco talab li jitwaqqaflu l-pagament. Il-kunsillier A.Grima oġġezjona għal dan minħabba li din hija l-paga ta' din il-persuna. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekja dwar dan.

Il-kunsillier A.Grima ġibed l–attenzjoni fuq il-pagament tal-lattrini, u li dan hu ksur tal-liġi. Is-Sindku Graziella Galea rrirmarkat li dwar dan kien hemm deċiżjoni tal-kunsill.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv osserva li fuq din il-materja, bi qbil mas-Sindku kien ħadem immedjatament mal-ħatra tiegħu u ħareġ kwotazzjoni biex jibqa' jingħata s-servizz u titwaqqaf id-direct Order. Irrimarka li x-xogħol kien mitlub mill-Kunsill u għalhekk xorta għadu jitħallas il-persuna la s-servizz ingħata. Is-Sindku rrimarkat li ġa kien hemm sitwazzjoni bħal din fil-passat u li d-Dipartiment kien ta struzzjoni lill-Kunsill biex isir il-ħlas. Alfred Grima talab vot biex ma jsirx dan il-pagament. Paul Bugeja ssekonda din il-mozzjoni. Il-vot ittieħed u irriżulta hekk:

Favur – Alfred Grima, Raymond Tabone, Stephen Cremona, Mandy Buhagiar,Paul Bugeja u Robert Piscopo

Kontra – Graziella Galea, David Thake, u Antoinette Bezzina

Astensjonijiet: Joseph Vella u Anne Fenech

Il-vot għadda u għalhekk il-pagament huwa miżmum. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ser jikteb lid-dipartiment dwar dan.

Il-viċi Sindku David Thake ippropona li l-skeda tal-pagamenti tkun approvata. Is-Sindku Graziella Galea issekondat din il-mozzjoni. L-iskeda kienet approvata minbarra l-pagament dwar il-lattrini. Il-Kunsillier Alfred Grima talab li niċċekjaw il-pagamenti relatati mad-dwal.

Id-Deputat Segretarju Eżekutiv ressaq dawn it-talbiet għal xiri ta' oġġetti/servizzi :

i) tindif ta' culverts u manholes fil-lokalita'. Il-kunsillier Tabone staqsa x'sistema ser tintuża. Ġie spjegat li l-manholes jinfetħu u jitnadfu mill-ħmieġ li jkun akkumula. Fejn hemm bżonn wara jintuża bowzer bl-ilma li jkun imħallas direttament mill-Kunsill. Il-Membri qablu ma' din il-talba.

ii) magna tal-photocopiers ġdida, għaliex dik li hemm mhix taħdem sew. Il-membri qablu dwar dan u ddeċidew li jħallu f'idejn id-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex ifittex u jixtri l-aħjar offerta.

iii) tibdil fis-sistema tat-telephones minhabba li bħalissa min iċempel jaħseb li wieħed mhux iwieġeb għalkemm il-linja tkun okkupata. Ġiet preżentata kwotazzjoni li ġiet aċċettata.

39. 5 Approvazjoni tad-deċiżjoni tal-bord ta' l-ingaġġ ta' skrivani

Il-laqgħa waqfet għal ftit minuti sabiex seta' jkun diskuss ir-rapport tal-bord tal-ingaġġ ta' skrivani. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżenta ir-rapport tal-Bord ta' lingagg. Il-membri kollha qablu mar-rapport, u approvaw l-ingaġġ ta' żewġ persuni.

39. 6 Approvazzjoni tad-deċiżjoni tal-bord ta' evalwazzjoni :

a. Kwotazzjoni għal ftuħ, tindif, u għeluq ta' lattrini pubbliċi

Id-Deputat Segretarju Eżsekuttiv ippreżenta r-rapport tal-Bord tal-evalwazzjoni. Il-laqgħa waqfet għal diversi minuti u l-live streaming intefa sakemm ġie diskuss r-rapport tal-Bord ta' evalwazzjoni. Wara li l-laqgħa kompliet, ittieħed vot dwar ir-rapport.

Favur: Graziella Galea, David Thake, Daniel Grima, Antoinette Bezzina, Joseph Vella
Kontra: Alfred Grima, Raymond Tabone, Stephen Cremona, Paul Bugeja u Robert Piscopo
Astenzjoni – Anne Fenech
Casting Vote favur – Graziella Galea
Il-Vot favur għadda u approva ir-rapport tal-evalwazjoni.

d. Tender tal-playing field equipment u flooring fiż-żona Thalassalejn
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-Bord tal-evalwazzjoni. Il-laqgħa waqfet għal diversi minuti u l-live streaming ġie mitfi sakemm ġie diskuss r-rapport tal-Bord ta' evalwazzjoni. Wara li l-laqgħa kompliet, ittieħed vot dwar ir-rapport
Favur: Graziella Galea, David Thake, Daniel Grima, Anne Fenech, Joseph Vella, Antoinette Bezzina
Astensonijiet: Alfred Grima, Stephen Cremona, Raymond Tabone, Paul Bugeja, Robert Piscopo
Il-Vot favur għadda u approva ir-rapport tal-evalwazjoni

Is-Sindku Graziella Galea ressqet proposta li ġiet issekondata mill-Vici Sindku David Thake sabiex jiġi diskuss item 39.8a minħabba l-urġenza fejn kien jeħtieġ li l-Kunsill jieħu deċiżjoni dwaru b'mod immedjat. Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li dan mhux permessibli u li l-Kunsill għandu jimxi mal-aġenda. Is-Sindku rrimarkat li hekk ikun hemm il-maġġoranza tal-Kunsilliera li japprovaw dan, dan hu permessibli. Il-laqgħa waqfet għal ftit minuti sakemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fittex il-liġi fejn ikkonferma li dan jista' jsir wara votazzjoni.

La dan kien permessibli s-Sindku ressqet proposta biex jigi diskuss item 39.8a, liema proposta ġiet issekondata mill-Viċi Sindku. Dawk favur kienu l-kunsillier Graziella Galea,

David Thake, Antoinette Bezzina, Anne Fenech, Daniel Grima, u Joseph Vella. Dawk kontra kienu Alfred Grima, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Robert Piscopo u Raymond Tabone.

Għalhekk il-Kunsill għadda għal item 39.8a

39. 8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill li jkunu meħtieġa;
a. Appell dwar id-deċiżjoni mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar PA1514/16 - Petrol Station f'Burmarrad

Il-membri iddiskutew l-possibilita' li l-Kunsill iressaq appell għal PA1514/16. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien ivvota kontra din l-applikazzjoni, u issa l-Kunsill seta' jressaq appell ladarba din l-applikazzjoni ġiet approvata mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-Sindku ressqet proposta li, wara konsultazzjoni mal-Perit u l-Avukat tal-Kunsill, jitressaq appell mill-Kunsill Lokali dwar dan il-PA kontra dan il-proġett

Ittieħed vot:
Dawk Favur: Graziella Galea, David Thake, Daniel Grima, Anne Fenech, Antionette Bezzina, Joseph Vella, u Robert Piscopo
Dawk Kontra: Alfred Grima, Raymond Tabone, Paul Bugeja, Stephen Cremona.
Għaldaqstant il-vot għadda u ser jiddaħħal l-appell fil-jiem li ġejjin.

Minħabba li kien sar il-ħin, Alfred Grima telaq fid-disgħa u nofs, warajh telqu ukoll Raymond Tabone, Paul Bugeja u Stephen Cremona. Robert Piscopo ukoll iddikjara li sarlu l-hin biex jitlaq u telaq. Għalhekk il-laqgħa kellha tieqaf minħabba nuqqas ta' quorum.

Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fid-disgħa u nofs ta' filgħaxija.
Ma kienx hemm data għal meta ser jerġa jitlaqqa' l-kunsill

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Perit Graziella Galea | Elke Sghendo |
| Sindku | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum 16 ta' Novembru 2017